# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI

## IMHALLEF

## ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.

Rikors Numru: 75/97Gozo

Rita xebba Borg u b' digriet tat-3 ta' Dicembru 1998 giet korretta ghal Cini

vs

Direttur Generali fl-Ufficju tal-Prim Ministru u ghal kwalunkwe nteress li jista' jkolu l-Onorevoli Prim Ministru u Mario Calleja Director of Corporate Services u Ministeru ghal Ghawdex li gie kjamat fir-rikors b'digriet tal-4 ta' Dicembru 1998

Illum 27 ta' Gunju, 2001.

**RIKORS:**

It-Tribunal,

Ra r-rikors li bih ir-rikorrenti wara li ppremettiet illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 hija sofriet ingustizzja lampanti billi giet maqbuza kemm il-darba fit-turn taghha li tigi trasferita ghal Ghawdex minn Malta fejn kienet membru tad-Dejma.

Illi hija bdiet tahdem mad-Dejma fil-5 ta' Mejju 1987 u giet ippostjata mal-Oil Exploration Division f'Kastilja -Dok A.

Illi fil-5 ta' Lulju 1989 hija giet impjegata mal-gvern bhala "Labourer' mas-Sezzjoni tal-AWTS/CMU - Dok A.

Illi fl-1 ta' Novembru 1991 hija giet ttraferita ghall-Ufficcju tal-Prim Ministru wkoll bhala Labourer - Dok A.

Illi fl-1 ta' Novembru 1991 hija giet mahtura 'Charwoman" fi Grupp "A" mas-Servizz Pubbliku - Dok B.

Illi billi kien hemm min dahal warajha u gie ppostjat f'Ghawdex, ir-rikorrenti talbet permezz ta' ittra datata 30 ta' Settembru 1992 li bhal shabha tirritorna f'pajjizha tahdem hemm - Dok C.

Illi ghal din it-talba rceviet risposta mill-OPM b'ittra tad-19 ta' Novembru 1992 li ma setghux jibghatuha Ghawdex ghax kien hemm nuqqas kbir ta' "Charwomen" fil-Public Service - Dok D.

Illi permezz ta' ittra bid-data 21 ta' Jannar 1997 ir-rikorrenti regghet talbet biex tintbaghat Ghawdex skond Cirkulari OPM no 4/97 - 17 ta' Jannar 1997 (Transfers) Dok E.

Illi permezz ta' ittra datata 22 ta' Jannar 1997 id-Direttur tal-Oil Exploration Division irrakkomanda li r-rikorrenti tintbaghat tahdem Ghawdex peress li kien ilha ghaxar snin tikkommuti bejn Malta u Ghawdex u vice versa u kienet qieghda ssibha difficlu li tkompli sejra hekk - Dok F.

Illi fil-fatt ir-rikorrenti giet trasferita lejn Ghawdex fl-1 ta' Marzu 1997.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti filwaqt li irriservat li ggib il-provi kollha ammissibbli skond il-ligi fit-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, talbet lil dan it-Tribunal joghgbu jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment taghha skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji billi jilqa' t-talba taghha u konsegwentament tinghata rimedju skond il-ligi kif l-istess Tribunal jidhirlu opportun xieraq u gust u ghal dan l-iskop ir-rikorrenti peress li hi giet maqbuza kemm il-darba minn ohrajn fl-istess grad taghha li kienu junior ghaliha titlob li tithallas kumpens f'ammont ta' kif jiddeciedi dan it-Tribunal u dana taht dawk il-provvediemnti u mizuri li joghgbu l-istess Tribunal jipprefiggi.

Bl-ispejjez kontra l-intimati nomine.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent flimkien mad-dokumenti annessi.

**RISPOSTA:**

Ra r-risposta ta' l-intimati li eccepew:

Illi f'dan l-Ufficcju tinzamm lista ta' dawk ic-Charwomen Ghawdxin li jahdmu f'Malta li jixtiequ jmorru jahdmu f'Ghawdex.

Illi din il-lista ta' precedenza tinzamm skond id-data ic-Charwomen Ghawdxin li jahdmu f'Malta li jixtiequ jmorru jahdmu f'Ghawdex.

Illi din il-lista ta' precedenza tinzamm skond id-data tal-hatra bhala Charwoman u fejn din tkun l-istess tittiehed in konsiderazzjoni d-data tar-registrazzjoni ghall-impjieg.

Illi r-rikorrenti kienet inghatat il-hatra ta' Charwoman biex taqdi d-doveri taghha f'Malta b'sehh mill-1 ta' Novembru 1991 flimkien ma numru ta' Ghawdxin ohra. Billi dawn kellhom l-istess data ta' hatra tpoggew fuq l-imsemmija lista skond id-data ta' meta dawn bdew jirregistraw ghall-impieg.

Illi b'riferenza ghall-ittra tar-rikorrenti lis-Segretarju Privat tal-Prim Ministru (Dok C fl-ilment taghha) mill-file personali taghha jirrizulta illi dak iz-zmien hi kienet tinsab fit-tmien post fl-imsemmija lista u billi kien hemm nuqqas kbir ta' Charwomen f'Malta kien ferm difficli li xi hadd jintbaghat Ghawdex.

Illi jirrizulta illi zewg Charwomen minn dawk li jahdmu f'Ghawdex kellhom id-data tal-hatra taghhom ghal dan il-grad wara dik tar-rikorrenti filwaqt li ohra li kellha l-istess data bdiet tirregistra ghax-xoghol warajha. Izda dawn kollha kienu posted f'Ghawdex qabel ma hadu l-hatra ta' Charwoman. Barra minn hekk wahda minnhom hi persuna bi bzonnijiet specjali u ohra kienet ghaddiet minn disgrazzja familjari.

Ghaldaqstant l-intimat talbu li dan it-Tribunal joghgbu jichad it-talba tar-rikorrenti.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimati.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**

Illi r-rikorrenti ikkonfermat il-kontenut tar-rikors, u ziedet li llum hija mizzewga b'kunjomha Cini. Sostnit li warajha kienu ddahhlu xi gruppi ta' charwomen ghawdxin u dawn indbatghu jahdmu Ghawdex. Dawn il-gruppi kienu jikkonsistu f'xi 45 persuna. Ukoll illi taf illi f'dan iz-

zmien kienu wkoll iddahhlu xi nies u gew ippustjati mill-ewwel Ghawdex. L-ewwel grupp taf li kien dahal xi tlett snin wara li kien telgha fil-gvern il-partit nazzjonalista. Dak iz-zmien kien ghada mhix charwoman ghalkemm kienet taghmel dan ix-xoghol. Dak iz-zmien kienet tiehu hsieb missierha li kien anzjan. "Nghid illi jiena kont naghmel x-xoghol ta' char woman sa minn meta qabel hadt l-appointment ta' char woman. Jiena minn dejjem l-istess xoghol kont naghmel u bqajt fl-istess post.

Mario Calleja d-Director of Corporate Services fil-Ministeru ghal Ghawdexipprezenta lista Dok.MC2 dwar il-fattigi fid-dipartimenti / ufficji tal-Gvern f'Ghawdex mill-1987 sal-1995. Din hi bbazatha fuq informazzjoni li gabar mid-dipartimenti tal-Gvern. Hu ghamel verifiki biex jara jekk in-nies imsemmija f'din il-lista kienux gew minn Malta jew inkella dahlux mill-ewwel jahdmu Ghawdex.

Nicholas Grech rapprezentant ta' Mario Callejja, Director of Corporate Services fil-Ministeru ghal Ghawdex stqarr li ma jafx iwiegeb x'kienet ir-raguni li kien hemm charwomen Ghawdxin li bdew jahdmu f'Ghawdex direttament.

Richard Saliba rapprezentant tad-Direttur, Management and Personell Office fl-Ufficcju tal-Prim Ministru ipprezenta kopja ta' rapport iffirmat minn Dione Giorgio u Leo Bonnici u li jaghti taghrif dwar "*(t)he position of the four gozitan charwomen working in Malta but awaiting posting in Gozo*." Minn dan id-dokument jidher li kienu tlieta biss -

Maria Dolores Muscat, Maria Scerri u Rebecca Muscat, ic-charwomen li qabzu lir-rikorrenti meta kienet qeghda tistenna li tigi trasferita ghall-Ghawdex u hemm fih spjegazzjoni tar-ragunijiet ghala gara hekk. [fol57 u 58]. Fil-kaz ta' Maria Scerri kien hemm kaz ta' tragedja personali u l-Kap tal-opposizzjoni ghamel sottomissjonijiet dwar il-kaz taghha. Maria Musact hija disabled.

**KONKLUZZJONIJIET:**

Illi ghalhekk irrizulta li kien hemm min qabez lir-rikorrenti biex mar Ghawdex izda li kien hemm raguni valida ghal dan. It-Tribunal ma jistax isib li saret xi ingustizzja minn dak sottomess fir-risposta u fir-rapport li hemm a fol 57 u 58 tal-process. Certament ma tirrizultax l-ingustizzja msemmija fl-Att VIII tal-1997. Ghal dawn il-motivi jilqa' l-eccezzjoni tal-intimati.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.